# FIL-QORTI ĊIVILI

# SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF

## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

### Illum l-Erbgħa, 7 ta' Mejju, 2025

**Kawża Nru. 2**

**Rik. Nru. 13/2024 ISB**

**Raymond Camilleri u martu Veronica Camilleri**

**vs**

**Reġistratur tal-Kumpaniji u Emanuel Muscat għal kull interess illi jista jkollu**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors** ta' **Raymond u Veronica Camilleri** tat-8 ta' Frar 2024 u li permezz tiegħu talbu lill-Qorti sabiex:

1. *Tordna li l-isem tal-kumpanija R. Cam. Company Limited (C 11052 ) jerga' jiddaħħal fir-Reġistru tal-Kumpaniji ai termini tad-dispożizzjonijiet relevanti tal-Kap. 386, inkluż l-*

*artikolu 300B tal-istess Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta, b'dana illi l-Kumpancccija titqies illi kompliet bl-esistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar, u dan sabiex u sakemm l-abbozz tal-kuntratt jiġi pubblikat fis-sustanza kif indikat fid-Dok E u dana taħt dawk id-direzzzjonijiet u provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni.*

U dan wara li ppremettew:

1. *Illi fit-8 ta' Awwissu 2019, il-kumpanija R. Cam. Company Limited (C 11052) – aktar il quddiem 'il-Kumpanija' - ġiet imħassra mir-Reġistru tal-Kumpaniji wara li għaddiet proċedura ta' xoljiment u stralċ volontarju; dan kif jidher ukoll fuq is-sit elettroniku tal-intimat Reġistratur tal-Kumpaniji (Dok. A).*

2. *Illi r-rikorrenti konjuġi Camilleri kienu l-uniċi ażżjonisti tal-Kumpanija; dan kif jirriżulta mill-Memorandum and Articles of Association tal-Kumpanija (Dok. B).*

3. *Illi l-assi immobbiljari tal-Kumpannija – aktar il-quddiem 'l-Assi Immobbiljari' - ġew distribwiti mill-likwidatur tal-Kumpanija, l-intimat Emanuel Muscat (Dok. C), lir-rikorrenti permezz ta' kuntratt ippubblikat min-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef fi-30 ta' Diċembru 2017 (Dok. D); aktar il-quddiem 'il-Kuntratt'.*

4. *Illi meta r-rikorrenti ġew biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom fir-rigward ta' l-Assi Immobbiljarji distribwiti lilhom, skont kif ingħad, huma ġew rinfaċċjati b'diffikultajiet kbar stante li l-mod kif l-istess Assi Immobbiljarji ġew deskritti fil-Kuntratt ma kien sodisfaċenti xejn; hekk* ***per eżempju*** *nqalgħu problemi mas-sidien tal-appartamenti fil-blokok ta' appartamenti bl-ismijiet Moulin Flats u Nicole Flats ġewwa ż-Zurrieq meta r-rikorrenti riedu jiżvilluppaw*

*l-arjiet ta' dawn il-blokok ta' appartamenti, liema problemi għadhom mhumiex riżolti sa llum minħabba deskrizzjonijiet insodisfaċenti u xi kultant additirittura inkompleti fil-Kuntratt tad-drittijiet u obbligi li kellha l-Kumpanija fuq l-Assi Immobbiljarji distribwiti lir-rikorrenti.*

5. *Illi r-rikorrenti għandhom interess illi l-Assi Immobbiljari li kienu jappartjenu lill-Kumpanija u li illum jappartjenu lilhom ikunu deskritti b'tali mod illi r-rikorrenti jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet kollha li kellha l-Kumpanija fir-rigward tal-istess Assi Immobbiljarji fil-mument meta l-istess Assi Immobbiljarji ġew distribwiti lilhom.*

6. *Illi għal dan il-għan, ir-rikorrenti nkarigaw lin-Nutar Dottor Mario Bugeja sabiex iħejji d-dokumentazzjoni neċessarja.*

7. *Illi n-Nutar Bugeja ħejja l-anness abbozz ta' kuntratt (Dok E) b'mod li fih l-Assi Immobbiljarji li kienu jappartjenu lill-Kumpanija issa huma deskritti b'mod li r-rikorrenti jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet kollha li l-Kumpanija kellha fuqhom fil-mument meta l-istess Assi Immobbiljarji ġew distribwiti lilhom. Fil-fatt l-Assi Immobbijarji huma fis-sostanza l-istess, sempliċiment saru tibdiliet fid-deskrizzjoni tagħhom sabiex ir-rikorrenti ma jkollhomx xkiel fid-dgwadija tagħhom fil-futur.*

8. *Illi stante illi t-tibdil irid isir b'att pubbliku jeħtieġ li l-isem tal-Kumpanija R. Cam. Company Limited jiġi mqiegħed mil-ġdid fuq ir-Reġistru Tal-Kumpaniji.*

Rat id-dokumenti li kienu ppreżentati mar-rikors (fol 4 sa fol 91).

Rat id-digriet tagħha tat-23 ta` Frar 2024 fejn ir-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tas-26 ta' April 2024 fid-9:30am u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lill-intimat Reġistratur tal-Kumpanniji b'għoxrin jum żmien għar-risposta.

Rat illi r-Reġistratur tal-Kumpanniji kien notifikat fid-9 ta' April 2024 (ara tergo ta` fol 96).

Rat in-nota tar-rikorrenti tal-4 ta' April 2024 (fol 93) li permezz tagħha ppreżentaw affidavit tar-rikorrent **Raymond Camilleri**.

Rat illi fl-24 ta' April 2024, ir-**Reġistratur tal-Kumpanniji** intimat ppreżent ir-risposta tiegħu (fol 102), b'dokument hemm anness, li permezz tagħha, huwa sostna:

> *Illi in kwantu għall-meriti fattwali tal-kawża peress illi l-konvenuta Reġistratur m'hijiex edotta mill-fatti kollha kif ġew dikjarati fir-rikors promotur, hija tirimetti ruħha għall-provi u għall-ġudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti. Illi skont kif ġie dikjarat fir-rikors odjern, wara t-tħassir tal-isem tal-kumpanija R.Cam. Company Limited (C 11052) minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru") konsegwenza ta' stralċ volontarju, irriżulta illi kien hemm immobbli tal-kumpanija, speċifikament u fost l-oħrajn, 'Moulin Flats' and 'Nicole Flats', Triq it-Taħħan, kantuniera ma' Triq Matteolo Saliba, Zurrieq, li d-deskrizzjoni tagħhom fil-kuntratt kien insodisfaċenti;*
>
> *Fit-8 ta' Awwissu 2019, il-kumpanija ġiet imħassra mir-Reġistru tal- Kumpaniji wara li għaddiet għal proċeduri ta' xoljiment u stralċ voluntarju. Huwa b'hekk illi l-assi immobbiljarji tal-Kumpannija gew distribwiti mill-likwidatur tal-Kumpanijia, Noel Muscat permezz ta' kuntratt ippubblikat min-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef. Skont kif dikjarat fir-rikors promotur,meta r-rikorrenti ġew biex jeżercitaw id-drittijiet tagħhom fir-rigward ta' l-assi distribwiti lilhom huma ġew rinfaccjajti b'diffikultajiet minħabba li l-mod kif l-stess assi mmobbiljarji ġew deskritti fil-kuntratt insodisfacentamenti u addirittura nkompleti.*
>
> *Illi l-ewwel rekwiżit illi għandu jiġi pruvat skont l-Artikolu 300B tal-Att dwar il-Kumpaniji, huwa illi r-rikkorrenti jkunu persuni nteressati. Tali rekwiżit huwa wieħed illi għandu jitqies skont il-fatti u ċirkostanzi partikolari ta' kull każ u għaldaqstant hija dina l-Onorabbli Qorti illi għandha tistabbilixxi jekk l-elementi rekwiżiti sine qua non jeżistux u jekk iva, jeżistux b' tali mod illi jimmeritaw ir-rimedju eċċezzjonali u straordinarju provdut fl-imsemmi artikolu;*

*Illi t-tieni rekwiżit illi jagħti lok għall-istituzzjoni tal-azzjoni taħt l-artikolu 300B huwa illi r-rikors promotur għandu jiġi preżentat sa żmien massimu ta' ħames snin mid-data illi fiha l-isem tal-kumpanija in kwistjoni jkun ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru. Billi l-isem tal-kumpanija R. Cam. Company Limited (C 11052) kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru fit-8 ta' Awwissu tas-sena 2019 u billi r-rikors promotur ġie preżentat fit-8 ta' Frar tas-sena 2023, it-terminu preskritt mil-liġi ġie osservat;*

*Illi di piu' skont is-subartikolu 3 tal-Artikolu 300B, dina l-Onorabbli Qorti għandha tilqa' t-talba biss jekk tkun sodisfatta illi dak li jaħseb għalih is-subartikolu 2 tal-Artikolu 300B kien jikkostitwixxi l-uniku rimedju skont il-liġi għad-disposizzjoni tar-rikorrenti. Ta' min wieħed jgħid illi l-proċedura illi wasslet għax-xoljiment, stralċ u tħassir tal-isem tal-kumpanija in kwistjoni minn fuq ir-Reġistru kienet waħda illi bdiet volontarjament mill-azzjonisti u uffiċjal tal-kumpanija stess. Għaldaqstant, il-proċess illi wassal għat-tħassir tal-isem tal-kumpanija de quo huwa wieħed pubbliku u d-dokumentazzjoni relattiva għal tali tħassir huwa wieħed aċċessibbli għall-viżjoni ta' terzi persuni. Illi għalhekk, fil-fehma umli tal-esponenti, huwa mportanti ħafna illi fis-sentenza tagħha dina l-Onorabbli Qorti għandha tispeċifika jekk l-ordni tagħha taħt dan l-Artikolu, jekk huwa l-każ, jolqotx biss ir-rikorrenti illi qiegħed jippromovi tali rimedju straordinarju;*

*Illi kif dejjem ġie sottolineajat mill-Qrati tagħna, ż-żewġ elementi illi jipprovdu l-qofol sostanzjali tal-Artikolu 300B huma illi wieħed jipprova kjarament illi l-proċess tal-istralċ u tat-tħassir tal-isem tal-kumpanija minn fuq ir-Reġistru kien wieħed ivvizjat jew bi frodi jew, bħalma qiegħed jiġi allegat f'din il-kawża bl-element ta' illegalita' ta' natura materjali. Dawn iż-żewġ raġunijiet jidhru illi huma ristretti fin-natura tagħhom iżda s-sinifikat u l-applikazzjoni tagħhom f' każijiet partikolari ngħataw b'mod lampanti f'interventi interpretattivi*

*tal-Qrati tagħna. Dawn, kif intqal qabel, dejjem ħadu in konsiderazzjoni l-fatti u ċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ illi kellhom quddiemhom;*

*Illi r-Registratur tħoss li kien fid-dover tal-kumpanija u iktar speċifikament tal-likwidatur illi jkunu ċerti illi l-kumpanija ma kien fadlilha l-ebda assi pendenti u li kollox kien deskritt b'mod akkurat qabel ma bdew il-proċess ta' stralċ volontarju kif ukoll tul il-proċess tal-istralċ rispettivament. U għaldaqstant dan huwa indikazzjoni ta' traskuraġni, imprudenza jew nuqqas t' attenzjoni da parti tar-rikorrenti u l-likwidatur;*

*Illi fl-essenza tiegħu r-rimedju illi tista' tagħti dina l-Onorabbli Qorti, jekk ikun il-każ, huwa wieħed speċjali u eċċezzjonali. Għalhekk f'kull każ l-esponenti tħoss illi dina l-Onorabbli l-Qorti għandha teżerċita kawtela u tuża d-diskrezzjoni tagħha b-mod ċar sabiex taċċerta ruħha illi tali każ huwa wieħed ġenwin sabiex jiġi skansat kull lok ta' abbuż. Dan huwa fatt importanti meta wieħed jikkonsidra l-fatt illi l-liġi ma tagħti ebda ħjiel jew definizzjoni ta' x' jikkostitwixxi illegalita' ta' natura materjali. Ta' min jgħid illi mhux kull illegalita' tiskatta l-jedd għar-rimedju taħt l-Artikolu 300B tal-Att dwar il-Kumpaniji. Ta' min wieħed jgħid ukoll illi x' inhu materjali jiddependi mill-fattispeċi ta' kull każ individwali u għalhekk irid jiġi ppruvat b' mod lampanti min-naħa tar-rikkorrenti għas-sodisfazzjon ta' dina l-Onorabbli Qorti. Għalhekk, tali illegalita' trid tkun waħda illi wasslet għall-ivizzjar tal-proċess tal-istralċ. Illi għalhekk l-istralċjarju kellu joqgħod ferm attent illi jara illi qabel ma għadda għall-proċedura illi twassal għall-kanċellament u tħassir tal-isem tal-kumpanija in kwistjoni, huma jkunu kollha effettivament u verament konklużi. Dan mingħajr il-hsieb komdu illi jekk jinqala xi ħaġa wara, jista' jirrikorri għar-rimedju taħt xi artikolu illi jipprovdi l-Att dwar il-Kumpaniji, speċifikament l-Artikolu 300B tal-istess Att. Illi appuntu l-funzjoni tal-istralċjarju, kif ġie magħżul mis-soċji tal-kumpanija jeżiġi illi jillikwida u jikkonkludi  l-affarjiet tal-kumpanija illi l-isem tagħha sejjer jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru bħala konsegwenza tal-inkarigu mportanti tiegħu;*

> *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk dina l-Onorabbli Qorti tħoss illi għandha tagħti rimedju taħt l-Artikolu 300B ir-Reġistratur umilment tissolleva illi dan għandu jiġi akkordat bħala wieħed eċċezzjonali u straordinarju skont iċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ u għandu jingħata żmien improrogabbli sabiex l-affarjiet tal-kumpanija in kwistjoni jiġu definittivament konklużi u sabiex l-affarijiet ma jitwalux bla bżonn;*

Rat illi fl-udjenza tat-22 ta' Jannar 2025, deher l-Avukat Pierre Lofaro għar-rikorrenti u l-Avukat Claudette Fenech għar-Reġistratur intimat.

Rat ukoll illi fl-udjenza tat-22 ta' Jannar 2025, xehed **Raymond Camilleri**. Rat ukoll id-dikjarazzjoni tad-difensuri tal-partijiet li ma kellhomx aktar provi x'jipproduċu, kif ukoll id-dikjarazzjoni tar-rikorrenti illi jekk kemm-il darba il-Qorti tilqa' t-talba tagħhom m'għandhomx oġġezzjoni li jiġi nominat bħala likwidatur l-intimat Emanuel Muscat.

Rat ukoll illi fl-udjenza tat-22 ta' Jannar 2025, bi qbil mad-difensuri tal-partijiet, il-kawża tħalliet għal-lum għad-deċiżjoni.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Illi jirriżulta mill-atti illi fir-rikors promotur ġie ddikjarat li r-rikorrenti kienu l-uniċi azzjonisti tas-soċjeta' R. Cam. Company Limited (C 11052), liema kumpanija ġiet imħassra mir-Reġistru tal-Kumpaniji wara li għaddiet minn proċedura ta' xoljiment u stralċ voluntarju.

Jispjegaw li l-assi mobiljari tal-Kumpanija ġew distribwiti mil-likwidatur tal-Kumpanija, Emanuel Muscat favur ir-rikorrenti permezz ta' kuntratt ippubblikat min-Nutar Bartolomeo Micallef fit-30 ta' Diċembru 2017, iżda jsostnu li meta ġew biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom fir-rigward tal-istess assi, huma sabu diffikultajiet kbar stante d-deskrizzjonijiet tal-istess propjetajiet ma kinux sodisfaċenti.

Jgħidu li naturalment huma għandhom interess li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom u għalhekk inkarigaw lin-Nutar Dottor Mario Bugeja li ħejja abbozz (li l-Qorti ħadet konjizzjoni tiegħu) sabiex l-imsemmija deskrizzjonijiet jiġu korretti.

Jgħidu għalhekk li għandhom interess li l-kumpanija *de quo* tiġi ravvivata ai termini tal-artikolu 300B tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex isiru l-korrezzjonijiet neċessarji.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi jirriżulta illi l-posizzjoni li ħa r-**Reġistratur tal-Kumpanniji** tista' titqies waħda pjuttost newtrali iżda ferma. Huwa altru milli korrett ir-Reġistratur jgħid u jsostni illi meta jkun hemm stralċ, għandu jitħares u jiġi assikurat minn min hu interessat, illi jkun aċċertat illi l-assi u d-djun kollha jkunu inklużi fil-process ta' stralċ u li dan għandu jsir qabel ma jiġu ppreżentati d-dokumentazzjoni finali għal kanċellament.

Illi dan jevita ċertament lok għal abbuż. Huwa f'dan il-kuntest illi r-Reġistratur tal-Kumpaniji jinsisti illi jekk din il-Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, allura dan isir fuq parametri u termini ċari sabiex jiġi evitat kwalsiasi element ta' abbuż jew preġudizzju għal terzi persuni, anke in vista tal-fatt illi dan huwa rimedju eċċezzjonali.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi fl-affidavit tiegħu, ir-rikorrent **Raymond Camilleri** jgħid li hu u martu kienu l-uniċi azzjonisti tal-kumpanija R. Cam Company Limited (C 11052) - filwaqt li hu kien l-unika direttur tal-istess kumpanija. Jispjega li l-kumpanija kienet ġiet iffurmata snin ilu u kienet tinnegozja fix-xiri, żvilupp u bejgħ ta' immobbli.

Jispjega li fl-2017 hu u martu iddeċidew li jagħlqu l-kumpanija stante li kien beda jaħseb li jnaqqas mill-attivita' kummerċjali f'dak il-qasam. Jgħid li permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef datat 30 ta' Diċembru 2017, il-likwidatur tal-Kumpanija, Emanuel Muscat, ittrasferixxa l-assi immobiljari kollha li kien għad fadal favur ir-

rikorrenti u fit-8 t'Awwissu 2019, il-kumpanija ġiet imħassra mir-Reġistru tal-Kumpaniji.

Jispjega li fost l-assi l-kumpanija *de quo* kellha drittijiet fuq il-partijiet komuni u l-arjiet ta' żewġ blokok ta' flats adjaċenti bl-isem ta' *Nicole Flats* u *Moulin Flats*, fi Triq Matteolo Saliba u Triq it-Taħħan, fiż-Żurrieq.

Jgħid li meta fis-sena 2023 ir-rikorrenti marru biex jiżviluppaw l-istess arjiet, ir-residenti tal-istess qalgħu ħafna problemi u oġġezzjonaw għal bini stante li d-drittijiet li jiżviluppaw ma ġewx deskritti sew fil-kuntratt ta' trasferiment. Jispjega li meta huma eżaminaw l-istess kuntratt irriżulta li ma kienx redatt kif suppost u għalhekk inkarigaw lin-Nutar Mario Bugeja sabiex jirrediġi kuntratt ta' trasferiment ġdid.

Fix-**xhieda** tiegħu jikkonferma dak minnu dettat fl-affidivat tiegħu. Jispjega li d-diffikulta' li nqalet kienet li meta sar il-kuntratt ta' trasferiment ma ġiex inkluż u/jew deskritt id-dritt għall-aċċess għall-arja tal-propjeta' fuq deskritta.

**Ikkunsidrat Ultejrorment:**

**Art. 300B tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta:**

*(1) Meta kumpanija tkun tħassret minn fuq ir-reġistru, kull persuna interessata tista' b'rikors, titlob lill-Qorti biex tordna hi li l-isem tal-kumpanija jkun restitwit fuq ir-reġistru u li l-istralċ jerġa' jinfetaħ.*
*(2) Meta, fuq rikors magħmul taħt is-subartikolu (1), il-Qorti tkun sodisfatta li l-istralċ u t-tħassir tal-kumpanija jkun vizzjat bi frodi jew <u>b'illegalità ta' natura materjali</u>, il-Qorti tista' tordna li l-isem tal-kumpanija jkun restitwit fuq ir-reġistru u li l-istralċ jerġa' jinfetaħ <u>għal dawk ir-raġunijiet u għal dak iż-żmien li l-Qorti tispeċifika fid-deċiżjoni tagħha</u>, u l-Qorti għandha tagħti dawk <u>id-direttivi u timponi dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xieraq</u>.*
*(3) <u>Il-Qorti għandha tilqa' t-talba biss jekk tkun sodisfatta li dak ikun l-uniku rimedju li jkun hemm.</u>*

Il-Qorti tibda biex tgħid illi mill-provi mressqa jirriżulta illi għalkemm il-propjeta' kollha li kellha l-kumpanija R. Cam. Company Limited (C 11052) ġiet trasferita lir-rikorrenti qabel ma ġiet stralċjata, jirriżulta li d-deskrizzjonijiet magħmula fl-istess att ma kinux korretti u dan qed joħloq diffikulta' kbira lir-rikorrenti meta qed jiġu biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom.

Fix-xhieda tagħhom ir-rikorrenti jgħidu b'mod ċar u inekwivoku li kien żball u żvista li din il-propjeta' ġiet deskritta b'mod inkorrett u tali deskrizzjonijiet qed ikunu ta' preġudizzju għall-istess rikorrenti li jridu jiżviluppaw arja li tappartjeni lilhom iżda m'għandhomx aċċess għaliha stante li dan tħalla barra mill-kuntratt ta' trasferiment.

Di piu`, huwa bil-wisq ċar u evidenti illi l-fatt li l-istalċ ġie konkluż mingħajr ma ġew ben deskritti d-drittijiet li ngħaddew lir-rikorrenti jikkostitwixxi illegalita' ta' natura materjali. Huwa ċar f'moħħ il-Qorti li hawnekk si tratta ta' stat ta' illegalita' illi sar bi żvista.

Il-Qorti hija ukoll sodisfatta illi ma għaddewx il-ħames snin mid-data illi l-kumpannija ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji u di fatti hemm qbil dwar dan bejn il-partijiet.

Finalment, illi l-Qorti tħoss illi l-uniku mod sabiex tiġi regolarizzata s-sitwazzjoni msemmija fir-rikors huwa billi jintlaqa' ir-rikors promotur odjern.

Il-Professur Andrew Muscat jghid:

> *A liquidator who, whether negligently or fraudulently, fails to take into account a pending claim will, it is submitted, have acted unlawfully. After all, in terms of general principles of law, a person who does not use prudence, diligence and attention of a bonus pater familias and causes damage as a result is deemed to have acted unlawfully. Moreover a liquidator is clearly bound by law to take into account all pending claims against the company (daqstant iehor kull ass attiv), and if he fails to do so through negligence, imprudence*

*or want of attention he should also be deemed to have acted unlawfully*.[1]

**Għaldaqstant**, il-Qorti, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq iċċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq ikkkunsidrat, jidhrilha illi għandha tqis in-nuqqas ta' deskrizzjoni ċara u preċiża ta' drittijiet proprjetarji illi ġew trasferiti mill-kumpannija fuq ir-rikorrenti kif imsemmija fir-rikors promotur u fil-provi mressqa, jikkostitwixxi llegalita' ta' natura materjali u għalhekk ser tgħaddi biex takkolja t-talbiet tar-rikorrenti u tenut kont ta\` l-assjem ta\` fatti u ċirkostanzi li l-Qorti ġiet mgħarrfa bihom, din il-Qorti qegħda **tilqa' t-talba tar-rikorrenti** u konsegwentament:

1. Tordna li l-isem **R. Cam. Company Limited (C 11052)** jerġa' jidħol fir-Reġistru tas-Soċjetajiet kif mitlub sa mhux aktar tard minn gimgħatejn mill-llum.

2. Tordna illi jerġa' jinfetaħ l-istralċ tal-istess kumpanija **R. Cam. Company Limited (C 11052)** limitatament sabiex jiġi ffinalizzat u ppublikat l-abbozz li kopja tiegħu tinsab ippreżentata a fol 68 et seq tal-proċess, u jsiru s-sussegwenti reġistrazzjonijiet ta' drittijiet kif neċessarju, sabiex b'hekk isiru l-korrezzjonijiet neċessarji.

3. Taħtar lil **Emanuel Muscat** sabiex jassumi l-funzjonijiet, is-setgħat u l-obbligi kollha ta' stralċjarju tal-kumpanija **R. Cam. Company Limited (C 11052)** a spejjeż tar-rikorrenti.

4. Tordna lir-rikorrenti sabiex jagħmlu dak kollu li hemm bzonn fit-termini tad-deċiżjoni hawnhekk mogħtija taħt is-segwenti pattijiet u kundizzjonijiet:

   a) Illi dan il-proċess ta' kontinwazzjoni u finalizzazzjoni tal-proċess ta' l-istralċ tal-kumpannija **R. Cam. Company Limited (C 11052)** għandu jkun komplut sa żmien massimu ta' sena mil-lum, b'dan illi wara din is-sena r-Reġistratur intimat ikollu s-setgħa illi jerġa'

[1] Principles of Maltese Company Law, Second Edition, Vol I

jneħħi isem il-kumpanija msemmija minn fuq ir-Reġistru tal-kumpanniji;

b) F'eventwalita' illi l-kuntratt jiġi ppubblikat kif dettat qabel l-għeluq tas-sena msemmija, allura l-likwidatur u/jew ir-rikorrenti għandhom javżaw b'dan lir-Reġistratur intimat sabiex huwa jkun jista' jgħaddi għat-tneħħija tal-isem tal-kumpannija minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji minnufih.

c) Illi l-Qorti trid tagħmilha ċara li dan il-provvediment bl-ebda mod ma għandu jfisser li bħal donnu l-Qorti tat jew qed tagħti xi *carte blanche* lill-kumpannija de quo u/jew lill-uffiċjali tagħha u/jew lill-istralċarju tagħha sabiex isir xi ħaġa oħra, għajr għal dak hawn deċiż u huwa għalhekk illi l-Qorti qed tagħmilha ċara illi una volta ri-integrata fuq ir-Reġistru, il-kumpanija **R. Cam. Company Limited (C 11052)** tista' biss, entro l-perjodu massimu hawnekk konċess, tgħaddi biex tiffinalizza u tippubblika l-att fuq deskritt u xejn aktar.

d) Illi l-ispejjeż ta' din il-proċedura u kif ukoll kwasliasi spejjeż illi jista' jinkorri r-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpannija kummerċjali b'responsabilita limitata **R. Cam. Company Limited (C 11052)** fuq ir-Reġistru tas-Soċjetajiet u sabiex jerġa' jikkanċella isem il-kumpanija wara li jsir dak hawn fuq deċiż, ikunu a karigu tar-rikorrenti.

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**